MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 1006/1994/1

**Charles Attard bhala socju fis-socjeta` *en nom collectif* Attard Brothers, u l-istess Charles Attard ghan-nom tas-socjeta` Attard Brothers li b'digriet tad-19 ta' Mejju 2005, gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza**

**v.**

**Charmaine Vella u Gerald Vella zewgha**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell ad istanza tal-attur Charles Attard minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet premessi li laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell.

**"Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

"Peress illi l-konvenuta bhala impjegata tas-socjeta` *en nom collectif* Attard Brothers proprjetarja tal-Marbelt Department Stores, Marsa, ikkommettiet hafna hwejjeg li ghamlu hsara lill-istess socjeta`, fosthom saret azzjonista ta' socjetajiet kummercjali konkorrenti Maurcharm Limited u Drive Limited, u naqset milli taghti s-servizzi taghha b'lealta` ghas-socjeta` Attard Brothers, anzi hadmet kontra l-interessi taghha kif huwa dettaljatament spjegat fid-Dikjarazzjoni Attrici u kif jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, u b'hekk arrekat dannu lis-socjeta` Attard Brothers;

"Peress illi l-attur huwa wiehed miz-zewg socji tas-socjeta` Attard Brothers, b'sehem ugwali, u ghalhekk il-konvenuta arrekatlu dannu dirett meta ghamlet dan lis-socjeta` Attard Brothers;

"Peress li l-konvenuta interpellat sabiex tiddezisti mill-agir abbusiv u illegali taghha, ippersistiet fl-agir dannuz taghha;

"Tghid il-konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddikjara li l-konvenuta Charmaine Vella fl-impjieg taghha mas-socjeta` Attard Brothers u l-Marbelt Department Stores, Marsa, ikkommettiet atti ta' hsara u dannu ghall-istess socjeta` u ghall-attur socju taghha, u irrendiet ruhha responsabbli ghad-danni li gew arrekati lis-socjeta` imsemmija u lill-attur, kif jirrizulta mill-kawza, liema danni l-attur jirriserva li jitlob il-likwidazzjoni taghhom f'azzjoni separata.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

"1. Preliminarjament id-dannu allegatament soffert gie soffert, *se mai*, mis-socjeta` Attard Brothers u mhux mill-attur personalment, ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati mid-domandi.

"2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti ma kkawzawx id-danni allegatament sofferti.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

"Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-19 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu l-attur gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza ghan-nom tas-socjeta` Attard Bros.;

"Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg minnu debitament mahlufa;

"Rat l-atti kollha tal-kawza;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Ikkunsidrat;

**"Kwadru tal-fatti**

"Illi in breve l-fatti allegati mill-attur huma s-segwenti. Illi l-attur, flimkien ma' huh John Attard, huma azzjonisti fis-socjeta` *en nom collectif* Attard Bros., f'ishma ugwali. Illi l-konvenuta, bint l-imsemmi John Attard, kienet impjegata mas-socjeta` u kellha posizzjoni ta' fiducja fis-sens li kellha acces ghal certu informazzjoni dwar il-gestjoni tal-kumpanija. L-attur jallega li l-konvenuta abbuzat mill-

posizzjoni taghha u agixxiet kontra l-interess tas-socjeta` Attard Bros. kif minnu dettaljatament spjegat.

“Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li d-dannu li l-attur qed jallega li kkagunat il-konvenuta bl-agir taghha, gie se mai, soffert mis-socjeta` Attard Bros. u mhux mill-attur personalment; u ghalhekk il-kawza kellha ssir mis-socjeta` qua entita` legali b’personalita` distinta mill-membri taghha, u mhux mill-attur personalment.

“Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jispjega li l-attur Charles Attard, f’ismu proprju, m’ghandux locus standi f’dawn il-proceduri, stante li l-allegat dannu gie soffert mis-socjeta` u huwa principju fundamentali sancit fl-Artikolu 4[2] tal-Kap.168 li “Socjeta` kummercjali ghandha personalita` legali distinta minn dik tal-membri taghha.” Konsegwentement l-azzjoni odjerna kienet tispetta lis-socjeta`, u mhux lilu personalment, anke jekk bhala wiehed mis-socji taghha.

“Illi min-naha tieghu l-attur jikkontendi li fil-kaz ta’ socjeta` *en nom collectif*, bhal Attard Bros., fejn is-socji huma illimitatament responsabbli ghad-debiti tal-istess socjeta`, kull socju ghandu interess, li jippromwuovi istanzi ghad-danni li gew sofferti mis-socjeta`. In bazi ghal din il-premess guridika, l-attur isostni li meta l-konvenuta bl-agir taghha kkawzat danni lis-socjeta` Attard Bros. li taghha huwa wiehed minn zewg socji b’sehem ugwali, il-konvenuta kkagunat dannu dirett lilu, gjaladarba hu u s-socju l-iehor huma responsabbli ghad-djun u l-passivita` tas-socjeta`.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi kif gie osservat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Anthony Bugeja v. Carmelo Agius et deciza fl-4 ta’ Ottubru 1991, “kwistjonijiet rigward ir-responsabbilita` huma distinti mill-elementi l-ohra tal-personalita` guridika u tar-rappresentanza, u meta dik id-distinzjoni ma tinzammx il-konsegwenti konfuzjoni ggib maghha wkoll konfuzjoni fis-soluzzjonijiet guridici.” Dan l-insenjament

bazat fuq principju suespost fundamentali fil-ligi li tirregola l-kumpaniji, jassumi aktar relevanza fid-dawl tal-konsiderazzjoni guridika li, ghalkemm f'socjeta` *en nom collectif* is-socji huma responsabbli, fi grad illimitat, ghad-djun u l-passivita` tas-socjeta`, din ir-responsabbilita` mhijex wahda solidali mas-socjeta`; izda testendi biss ghas-sitwazzjoni fejn l-assi tas-socjeta` jirrizultaw li m'humiex bizzejjed sabiex din taghmel tajjeb ghall-passivita` taghha. Kif tissottometti li konvenuta dawn iz-zewg principji, dak tal-personalita` legali distinta tas-socjeta` *en nom collettiv*, u dak tar-responsabbilita` residwali tal-membri taghha ghad-djun taghha, jikkoezistu izda "independentement minn xulxin u ma huma qatt esklussivi ghal xulxin."

"Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali u taddottahom; u ghalhekk tikkondividi l-konkluzjoni li "l-attur ma kellux dritt skond il-ligi li jipproponi l-kawza *de quo*. Ma jirrizultax li l-azzjoni attrici tista' tigi accettata la taht il-kappa ta' azzjoni personali, u anqas taht il-kappa ta' *derivative action* billi hi azzjoni li kellha tigi ezercitata mill-*partnership en nom collectif qua partnership*." [fol.146]. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq il-principju fuq citat li s-socjeta` ghandha personalita' legali distinta minn dik tal-membri taghha, u l-konstatazzjoni li mill-provi ma jirrizultax li l-attur ipprova juza xi rimedji ohra disponibbli ghalih qabel ma ppropona l-kawza f'ismu.

"Illi inoltre, kif osservat mill-perit legali, l-intervent tal-istess attur din id-darba ghan-nom tas-socjeta` Attard Bros., ma jissanax il-posizzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, stante li kif osservat mill-perit legali ma giex provat li tali ntervent mitlub mill-attur innifsu f'isem is-socjeta`, sar fuq xi rizoluzzjoni tal-istess partnership mehuda skond l-Istatut. Ghal kuntarju, jidher li tali intervent sar fuq inizjattiva ta' wiehed biss mis-socji tal-partnership, cioe` l-attur.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha.

“Illi rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti thoss li, tenut kont tal-punti legali nvoluti, ghandu jkun hemm temperament fl-ispartizzjoni tal-ispejjez.

**“Decide**

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.
“L-ispejjez jigu sopportati, in kwantu ghal kwart [$^{1}/_{4}$] mill-konvenuti u r-rimanenti tlett kwarti [$^{3}/_{4}$] jibqghu a kariku tal-attur.”

**<u>Rikors tal-appell tal-attur Charles Attard</u>**

L-attur hassu aggravat b’din is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b’rikors prezentat fil-20 ta’ Gunju 2007. L-imsemmi Charles Attard appella kemm f’ismu proprju bhala socju fis-socjeta` in kwistjoni <u>kif ukoll</u> ghan-nom tal-istess socjeta` in kwantu din kienet interveniet fil-kawza.

Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant huma in sintesi s-segwenti:

L-ewwel aggravju hu li la darba l-Qorti laqghet it-talba biex s-socjeta` tintervjeni ma setghetx imbaghad tikkonkludi, fuq dak li qal il-perit legali, li l-azzjoni ma gietx sanata ghax ma kienx hemm risoluzzjoni tal-*partnership* skond l-istatut. L-appellant isostni li ma kien hemm ebda eccezzjoni ulterjuri f’dan is-sens, u fil-fatt tali eccezzjoni ma setghetx tinghata billi skond l-istess statut (ara l-Artikolu 10) hemm indikat min ghandu r-rappresentanza tal-*partnership*.

It-tieni aggravju tal-appellant huwa li fejn si tratta ta’ socjeta` *en nom collectif*, fejn *in subsidium* is-socji huma responsabbili ghas-socjeta` personalment b’mod illimitat, kull socju ghandu l-interess ekonomiku u legali li jipprotegi lilu nnifsu, b’beneficcju indirett ghas-socjeta`, mill-hsara li twettaq terzi lill-patrimonju tas-socjeta` nfisha.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati, u li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza fil-meritu.

Il-konvenut appellat Gerald Vella ma wiegibx.

**Risposta tal-konvenuta appellata.**

Il-konvenuta appellata Charmaine Attard (gja` Vella) wiegbet u qalet li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant. L-appellata qed isostni li l-appell, in kwantu maghmul f'isem Attard Brothers huwa null billi din is-socjeta` qieghda fis-stat ta' stralc wara d-dekors tat-terminu taghha u ghalhekk ma ghadhiex izjed rapprezentata minn Charles Attard.

Il-konvenuta tghid ukoll li l-attur appellant ma setghax jagixxi f'vesti personali billi d-danni se mai gew sofferti mis-socjeta` Attard Brothers, u lanqas seta' jagixxi f'isem l-istess socjeta`. L-intervent li ghamlet is-socjeta` ma setax jissana il-posizzjoni billi bhala intervenuta ma hemm l-ebda talba biex jigu likwidati u mhallsa danni favur is-socjeta`.

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun opportun illi terga' ssemmi fil-qosor il-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

L-attur, flimkien ma' huh John Attard, kienu azzjonisti fis-socjeta` *en nom collectif* Attard Bros., f'ishma ugwali. Il-konvenuta, li tigi bint John Attard, kienet impjegata mas-socjeta` msemmija u kellha posizzjoni ta' fiducja u kellha access ghal certa nformazzjoni dwar it-tmexxija tal-kumpanija. L-attur jallega li l-konvenuta abbuzat mill-posizzjoni taghha u agixxiet kontra l-interess tas-socjeta` Attard Bros. u ghalhekk agixxa kontra taghha biex jigi dikjarat li hija responabbli ghad-danni li gew arrekati

kemm lis-socjeta` kif ukoll lilu, danni li huwa rrizerva li jitlob il-likwidazzjoni taghhom f'azzjoni separata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta li d-dannu allegatament soffert, *se mai*, gie soffert mis-socjeta` Attard Brothers u mhux mill-attur personalment. Il-Qorti ddecidiet li ma kienx jirrizulta li l-azzjoni attrici setghet tigi ezercitata bhala azzjoni personali, u lanqas bhala *derivative action* billi l-azzjoni kellha tigi ezercitata mill-*partnership en nom collectif qua partnership*. Inoltre ddecidiet li l-intervent fil-kawza tal-istess attur ghan-nom tas-socjeta` Attard Bros., ma ssanax il-posizzjoni billi ma giex pruvat li tali ntervent sar fuq xi rizoluzzjoni tal-istess *partnership* mehuda skond l-Istatut.

F'dan l-appell, l-attur qed jikkontendi li fejn si tratta ta' socjeta` *en nom collectif*, fejn is-socji huma responsabbili personalment *in subsidium* ghas-socjeta` b'mod illimitat, kull socju ghandu l-interess ekonomiku u legali li jipprotegi lilu nnifsu b'beneficcju indirett ghas-socjeta` mill-hsara li titwettaq minn terzi lill-patrimonju tal-istess socjeta`.

Issa, kif inhu risaput, trid tinzamm dejjem distinzjoni bejn l-assi tas-socjeta` u dawk tas-socji. Il-fatt li persuna tkun socju f'socjeta` kummercjali ma jaghtihiex dritt ta' proprjeta` fl-assi tal-istess socjeta`. Dik il-proprjeta` tibqa' tas-socjeta`, li ghandha personalita` guridika separata u distinta minn dik tas-socji u tista' tagixxi qua socjeta` f'azzjoni gudizzjarja.

L-appellant qed jippretendi li hu seta' jagixxi b'azzjoni personali jew b'*derivative action* a bazi tal-Artikolu 402 taht l-Att Dwar il-Kumpaniji billi ghandu interess ekonomiku x'jipprotegi stante li fl-ahhar minn l-ahhar hu jista' jinzamm responsabbili *in subsidium* ghalkemm mhux solidalment ghall-passiv tas-socjeta`. Skond l-appellant dan id-dritt ta' azzjoni jiskatta fil-kaz meta azzjonista jkun garrab telf distint minn dak soffert mis-socjeta`.

Skond l-Att dwar il-Kumpaniji d-dritt ta' azzjoni li qed jinvoka l-appellant skond l-Artikolu 402 jinghata biss f'cirkostanzi eccezzjonali ghax imur kontra r-regola stabbilita. Imma fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-Artikolu 402 f'dan il-kaz mhiex miftuha ghal socju f'socjeta` *en nom collectif* bhal ma hija s-socjeta` Attard Brothers. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza **Magri v. Magri** tal-1 ta' Frar 2008 "ir-rimedji mitluba taht l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanija mhux applikabbli ghal kaz ta' socjeta` *en nom collectif*. Dak ir-rimedju hu moghti lil membri ta' "kumpanija", u skond l-Artikolu 2 tal-Att, il-kelma "kumpanija" tfisser kumpanija b'responsabbilita` limitata". F'dan il-kaz iz-zewg socji ghandhom 50-50 mis-socjeta` Attard Brothers u ma hemm ebda *majority rule*.

Inoltre din il-Qorti tirrileva li anke kieku stess din l-azzjoni kienet tapplika, anke f'dak il-kaz l-azzjoni l-istess ma kienitx tkun miftuha ghall-attur billi hu mhux qed jagixxi kontra xi direttur iehor ghax gie *unfairly prejudiced* imma hu qed jaghmel biss azzjoni ghal danni kontra terza persuna li kienet semplicement impjegata fil-kumpanija, ghalkemm ghandu jinghad li hi tigi t-tifla tas-socju l-iehor. L-azzjoni taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 168 tiskatta fil-kaz meta s-socju jkun qed jigi pregudikat mill-azzjoni minhabba l-agir ta' socju iehor u mhux minn impjegat tas-socjeta`.

Illi ghalhekk huwa inutili wkoll li l-appellant ighid li skond l-statut (ara l-Artikolu 10)[1] huwa kellu r-rapprezentanza tal-*partnership* billi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni taht l-Artikolu 402 ma kienitx miftuha ghal socjeta` *en nom collectif*.

Aggravju iehor tal-appellant hu li l-azzjoni giet sanata meta s-socjeta` Attard Brothers intervjeniet fil-kawza bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Issa, hu minnu li sar l-intervent mis-socjeta` Attard Brothers kif awtorizzat mill-Qorti, izda dan sar bla pregudizzju ghall-provi li kellhom jingiebu fil-kors tal-kawza. Dan l-intervent sar fuq inizzjattiva tal-attur biss u ma jirrizultax li saret xi laqgha tas-socjeta` fejn giet approvata xi rizoluzzjoni biex l-attur jidher ghas-socjeta`.

[1] Dan l-istatut gie prezentat biss fl-istadju ta' l-Appell.

Imma anke kieku, bl-intervent tas-socjeta` msemmija din la saret attur u lanqas konvenut f'din il-kawza. L-aktar li seta' kellha kienet posizzjoni ta' parti interessata izda qatt ma setghat tkun wahda mill-kontendenti. Intervenut mhux parti fil-kawza u ghalhekk il-Qorti ma tiddeterminax drittijiet tieghu izda l-intervenut ikun qieghed jisma' l-kawza ta' haddiehor.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tichad l-aggravji kollha tal-attur appellant billi hija tal-fehma li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Fl-ahharnett, kwantu ghas-sottomissjoni tal-appellata li l-appell in kwantu maghmul f'isem Attard Brothers huwa null billi din is-socjeta` qieghda fis-stat ta' stralc wara d-dekors tat-terminu taghha u ghalhekk ma ghadhiex izjed rapprezentata minn Charles Attard, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova f'dan is-sens mill-appellata. Meta saret il-kawza ma jidhirx li s-socjeta` Attard Brothers kienet fi stat ta' stralc u lanqas ma ngabet prova li saret hekk meta sar l-appell. Din is-sottomissjoni ghalhekk m'ghandha ebda fundament.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell u ghalhekk tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti ghalkemm mhux ghal kollox ghall-istess ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-appellant Charles Attard personalment.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------